**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 40/14(03_12_14).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier daħal għal-laqgħa fis-5.50 ta' filgħaxija.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Assenti kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-27 ta' Novembru 2014.

1. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
2. Memo 27/2014 Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-15.
3. Il-Munxar Day 2014.
4. Attivitajiet Milied 2014.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
9. Materji oħra.

**1.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

1.01 Il-Kunsill talab approvazzjoni mill-Paying Agency sabiex Offerta MXR/001/2014 titħallas €9,500 mil-*line item* 2440 ta' Measure 313 u €18,367 mil-*line item* 2754 ta' Measure 323. Talab l-approvazzjoni wkoll sabiex f'Measure 313 jsir trasferiment ta' €105.05 mil-*line item* 2443 għal-*line item* 2439 minħabba li *line item* 2439 jinsab fi żbilanċ ta' €105.05 u f'Measure 313 jsir trasferiment ta' €367 mil-*line item* 2443 għal-*line item* 2442. Dan intalab sabiex offerta MXR/004/2014 titħallas kollha mil-*line item* 2442.
Rigward offerta MXR/001/2014, il-Kunsill ġie mitlub sabiex jidentifika liema hija l-parti li ser titħallas minn M313 u liema minn M323. Skont il-*Bill of Quantities*, *items* no.1 sa no.7 u *items* no.9 sa no.12 ser jitħallsu minn M323 (*line item* 2754) filwaqt li *Item* no.8 ser jitħallas €9,500 minn M313 (*line item* 2440) u l-bqija (€11,998.75) minn M323 (*line item* 2754). Dawn ser jitħallsu mis-*savings* li għamilna mill-proġett.

**2.00 Memo 27/2014 Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-15.**

2.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali estenda d-data tal-għeluq għall-31 ta' Diċembru 2014. Fis-17 ta' Diċembru 2014 ser isir *seminar* sabiex jiġi spjegat dwar proposti li jistgħu jsiru fir-rigward ta' din l-iskema. Il-Kunsill se jistenna għal wara dan is-*seminar* iżda l-ħsieb huwa li jsiru l-attivitajiet bħal tas-sena l-oħra li jkunu fuq dawn il-linji:

- Jum iż-Żgħażagħ fejn ser isir Kunċent u Nar tal-Ajru. Ser isir skambju kulturali mal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli fejn ser jiġu mistiedna jarmaw *stands* tal-artiġjanat u ikel tradizzjonali.
- *Sports Fest* fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali fejn jieħdu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ.
- Serata ta' Talent Lokali fil-Pjazza tal-Munxar.
- Festa Familja fejn jiġu organizzati logħob u kompetizzjonijiet bejn il-familji fil-Pjazza tal-Munxar.
- *Fun games* organizzati mill-Group taż-Żgħażagħ.
- Ikla Tradizzjonali fil-Pjazza bis-sehem ta' *Bands* Lokali.
- Ser isir tentattiv biex jinkisru *Records* Nazzjonali b'armatura tan-nar tal-art fil-Pjazza tal-Munxar.
- Wirja ta' Pittura b'tema mal-lokalità fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**3.00 Il-Munxar Day 2014.**

3.01 Il-Kunsill se jiċċelebra Jum Il-Munxar, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014. Ser issir quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar. Wara ser issir is-serata tal-okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. F'din is-serata se jkun hemm kant mill-Kor 'Ilħna Smewwija' u żfin minn adolexxenti mill-Munxar. Is-siltiet mużikali ser isiru minn 'Kama Duo'. Ser issir il-preżentazzjoni 'Ġieħ Il-Munxar 2014'. Ser ikun hemm messaġġi mill-Kappillan u s-Sindku tal-Munxar u jindaqq l-Innu Malti. Wara jkun hemm riċeviment.

3.02 Il-Kunsill ħareġ sejħa għal 'Ġieħ Il-Munxar 2014' u għalqet fit-28 ta' Novembru 2014. Ma kienx hemm nominazzjonijiet. Ġie ssuġġerit li din is-sena l-ġieħ jingħata lis-Sur Lawrence Mizzi, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Il-Munxar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**4.00 Attivitajiet Milied 2014.**

4.01 Il-Kunsill se jorganizza ħarġa għall-anzjani fit-8 ta' Diċembru 2014. Ser nisimgħu l-quddiesa tat-8.30 ta' filgħodu fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria u wara mmorru naraw il-presepji tal-Ministeru għal Għawdex. Wara ssir żjara fil-Mużew Marittimu, In-Nadur. Fl-aħħar ikun hemm waqfa għall-kafè għand Xerri Il-Bukkett Restaurant, Il-Qala u ser tiġi tiswa €3 kull persuna. Kollox ser ikun imħallas mill-Kunsill.

4.02 Il-Kunsill se jorganizza ħarġa għal Malta għall-familja kollha fit-30 ta' Diċembru 2014. Ser inżuru l-Palazz ta' Verdala, ir-radar ta' Ħad-Dingli, l-Għajn tal-Ħasselin u l-Monte Kristo Estates f'Ħal Farruġġ. Il-Kunsill ser iħallas għat-trasport bil-*coach* f'Għawdex u f'Malta u d-dħul għall-Monte Kristo Estates.

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

5.01 F'dawn l-aħħar ġranet qed jinqata' l-ħaxix mit-toroq fil-Munxar. Bħalissa bdew it-toroq tax-Xlendi biex b'hekk il-lokalità kollha tkun nadifa mill-ħaxix. Saru wkoll xi tiswijiet żgħar bil-*concrete*.

**6.00 Rapport tas-Sindku.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit għadu kemm għalaq il-kontijiet tal-Pjazza tal-Knisja. Baqa' xi rtokk ta' tikħil u jiġi spezzjonat il-*culvert* tal-ilma biex jiġi vverifikat li ġie miksi.

6.02 Bħalissa għaddej ix-xogħol ta' titjib fis-sistema tad-dawl fil-mitħna, liema xogħol qed isir minn fondi tal-EU. Il-kuntrattur huwa marbut li jlesti sal-10 ta' Diċembru 2014.

6.03 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta ser iżżur il-lokalità tal-Munxar fil-21 ta' Diċembru 2014, fil-5 ta' filgħaxija. Il-programm tal-attività qed jiġi ppreparat mill-Parroċċa. Il-Parroċċa u l-Kunsill qassmu *envelope* sabiex jitfgħu d-donazzjonijiet fil-kaxxa li tpoġġiet fil-Kunsill u fil-Knisja. Id-donazzjonijiet li se jinġabru se jingħataw lill-President waqt din iż-żjara.

6.04 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara tal-Isqof t'Għawdex fil-Kunsill Lokali waqt iż-żjara pastorali fil-Munxar. Din saret fl-10 ta' Novembru 2014. Kien hemm preżenti s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Carmen Said. L-Isqof kien akkumpanjat mill-Kappillan Dun Michael Said.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qarib tal-mibki Mario Gauci, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Il-Munxar li kien miet b'diżgrazzja tan-nar, ġab lapida żgħira fejn qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex titwaħħal taħt il-pedestall tal-Madonna li hemm f'tarf Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Ġie deċiż li l-Kunsill jissuġġerixxi li l-lapida titwaħħal jew mal-faċċata tal-maħżen tal-armar jew viċin il-bieb tal-*garage* taċ-Ċentru Parrokkjali.

7.02 Il-Kunsill irċieva talba għall-approvazzjoni sabiex bankina quddiem l-istabbiliment tal-ikel C7 li qiegħed fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Pjazza l-Anfori titwessa'.

Is-Sindku oġġezzjona minħabba dawn il-punti:

- Irid jiġi spjegat kif se tgħaqqad il-bankina n-naħa ta' Pjazza l-Anfori mal-bankina ta' Triq ir-Rabat.
- Jistax l-ilma tax-xita jżomm maż-żewġt itruf tal-bankina u b'konsegwenza t'hekk ibatu terzi persuni.
- Jekk din il-proposta hijiex konformi mal-proġett ta' tisbiħ hekk kif ippjanat mill-Ministeru għal Għawdex.

Is-Sur Robert Mallia jħoss li ma huwiex kompetenti li jieħu xi deċiżjoni dwar din il-proposta għax la huwa perit u wisq anqas ma huwa espert tat-traffiku. Deċiżjoni teknika u professjonali nħalluha f'idejn nies professjonali u tekniċi.

Is-Sur Ryan Debrincat joġġezzjona għall-proposta peress li l-passaġġ li se jintuża għall-*pedestrians* jagħti għal *dead end*.

Is-Sur Saviour Spiteri ma jaqbilx ma' din il-proposta għax iħoss li hemmhekk ser jinżamm l-ilma tax-xita u jidħol fil-proprjetà ta' terzi persuni. Kif proposta din il-bankina se tkun ta' żgombru għall-pubbliku.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Sindku staqsa kif Transport Malta ddeċidiet qabel ma talbet għall-veduti tal-Kunsill.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva stima sabiex issir tabella *slow* li tixgħel u se titwaħħal fi Triq San Pawl. Din se tiswa €355. Peress li l-ammont huwa sostanzjali, minflok ser isiru tabelli *slow* li jirriflettu u tliet *bollards*.

7.04 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab sabiex jekk is-Segretarju Eżekuttiv ser iħalli xi *vacation leave* minn tas-sena 2014 għas-sena 2015, dan għandu japplika. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-ammont ta' 96 siegħa *vacation leave* tas-sena 2014 jittieħdu fis-sena 2015. Kien hemm qbil dwar dan.

**8.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

8.01 Is-Sur Ryan Debrincat staqsa dwar dik it-tabella li kellha ssir fil-bokka tal-wied, taħt il-Knisja tax-Xlendi biex tavża li f'każ ta' xita, l-ilma jista' jkaxkar il-vetturi. Din ser issir mill-Gvern Ċentrali u se jiġi ċċekkjat dwar din it-talba.

Is-Sur Ryan Debrincat semma wkoll dwar iz-zoklatura li għandha ssir taħt il-balavostri taz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku infurmah li l-istima se tiġi għolja biex dan ix-xogħol jingħata b'*direct order*. Għaldaqstant se jinġabru stimi oħra.

8.02 Is-Sur Saviour Spiteri rrimarka wkoll minħabba li z-zoklatura taz-zuntier u s-soll tal-għatba għadhom ma sarux u qabel li jinġabru stimi oħra.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi Triq ir-Rabat hemm tappiera li qed tinqala' minn postha u jitpoġġew *bollards*. Għaldaqstant, kull meta titneħħa t-tappiera qed jinħoloq periklu speċjalment jekk xi ħadd ineħħi l-*bollards*.

Fil-Pjazza tal-Knisja qed jinqala' l-*lean mix* li kien sar fuq it-trinka tal-*main* tal-ilma. Ġie deċiż li ngħidu lil Road Construction Co. Ltd. sabiex jirranġa l-wiċċ tat-trinka.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2015, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***